MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 341/2008

Kawza fil-lista: 50

**B C**
**vs**
**A C f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' uliedha minuri, K, J u P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Marzu 1997, in atti Nutar Dottor Rachel Sammut, huwa kien obbliga ruhu, *inter alia*, li jhallas lil martu bhala manteniment ghaliha u ghat-tlett-it tfal minuri s-somma menisli ta' €465.87, sussegwentement awmentat ghal €584.67 [Lm251]; illi ghal hdax-il sena shah l-attur hallas dan il-manteniment puntwalment skond il-kuntratt; illi eventwalment huwa

marad mentalment bir-rizultat li ma setghax imur ghax-xoghol aktar u waqaf jircevi s-salarju tieghu, u konsegwentement fit-30 ta' Gunju 2008 il-Bord Mediku estendielu s-sick leave ghal sitt xhur ohra; illi rizultat ta' din il-marda, l-introjtu ta' l-attur gie ridott drastikament fis-sens li fil-prezent huwa qed jircevi biss l-ammont settimanali ta' €32.43 bhala beneficju tal-mard; illi ghalhekk hemm lok li l-manteniment kuntrattat jitwaqqaf, jew jinbiedel skond l-introjtu tieghu; illi, ghalkemm l-attur kien avvicina lill-konvenuta u spjegalha s-sitwazzjoni finanzjarju tieghu, hija "irrifjutat inspjegabbilment" li tasal fi ftehim fil-proceduri tal-medjazzjoni stitwiti minnu; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, in l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara li minhabba l-marda tieghu l-esponent ma jistax jaghti aktar il-manteniment lill-konvenuta pro et noe.

2. Tordna li jitwaqqaf il-hlas tal-manteniment u l-esponent ghalhekk jinheles minn dan l-obbligu kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz, u dana b' effett minn meta huwa waqaf jircievi s-salarju tieghu.

3. Tinnomina, jekk hekk jidrilha, Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura tal-Medjazzjoni u tar-Rikors ghan-nomina ta' kuratrici ad litem prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta minn issa ngunt biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta ddikjarat li hi qed tikkontesta l-fatt li l-attur marad serjament, u ssostni li fil-fatt hu kien, u ghadu, kapaci jahdem; inoltre, "l-obbligu tal-manteniment huwa obbligu assolut, indipendentement mill-introjtu ta' l-attur."[1]

[1] Fol.31

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti twaqqaf, jew tirriduci l-ammont tal-manteniment li hu kien obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta, ghaliha u ghat-tlett-it tfal minuri taghhom, fil-kuntratt tas-separazzjoni fuq indikat; u dan minhabba li huwa kellu jieqaf mix-xoghol ghar-ragunijiet ta' mard, u llum il-gurnata qed jghix bl-ghajnuna socjali.

Minn naha taghha, il-konvenuta tikkontesta l-allegat fatt li l-attur huwa marid serjament, u tghid li hu ghadu kapaci jahdem. Teccepixxi wkoll li l-obbligu tal-manteniment huwa wiehed assolut, u huwa ndipendenti mill-introjtu ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Illi fit-18 ta' Marzu 1997 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali li permezz tieghu l-konvenut obbliga ruhu, inter alia, li jissomministra lill-konvenuta mensilment is-somma, illum ta' €584.67, bhala manteniment ghaliha, u ghat-tlett uliedhom minuri fuq indikati.

Illi wara hdax-il sena mill-imsemmi kuntratt, u li fihom l-attur dejjem hallas puntwalment l-ammont minnu dovut skond il-kuntratt, huwa marad bil-marda tad-dipressjoni, bir-rizultat li ma setghax ikompli jmur ghax-xoghol, u eventwalment twaqqfitlu l-paga.

Fil-frattemp, huwa kien beda l-proceduri biex jigi *boarded out*; u l-Bord Mediku fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2008 kien estendietlu s-sick leave ghal sitt xhur ohra. Eventwalment, huwa gie informat li l-Bord fil-11 ta' Novembru 2008 kien sabu "unfit for any employment in Government Service".

Illi l-Konsulent Psikjatra Dottor Joseph Spiteri, fid-depozizzjoni[2] tieghu jikkonferma li l-attur huwa pazjent tieghu, u ilu jafu numru ta' snin. Huwa jiccertifika li l-attur "mhux tajjeb ghax-xoghol", ghax "hemm zmien meta jkun depressed u hemm zmien fejn isir paranojiku, u jibda jhahseb li kullhadd kontrih."

Dwar il-kawza tal-marda, il-konsulent jghid mill-aspett bijologiku, li jkun hemm certu genetika li tbati minn depression u sintomi ta' paranoia, u dawn jigu qishom triggered off, jekk ikun hemm cirkostanzi hziena." Izda, fuq domanda, jghid li fil-perijodu li jkun tajjeb, l-attur jkun jista' jaghmel "xi tip ta'xoghol." Izid jghid li dan jista' jaffettwah hazin minhabba l-paranoia li ghandu.

Ix-xhud jghid ukoll li dan l-istat jista' ma jkunx permanenti. "Jiena nispera li jkun hemm dak li nghidulu 'remission' li tieqaf il-kundizzjoni, tigi kontrollata. Li tigi mfejqa [hija] unlikely, mill-istudji xjentifici." Jghid li relazzjoni stabbli "hija l-aktar haga li tista' tghinu biex forsi jkun hemm element ta' stabilita'".

Illi rizultat ta' din il-marda l-attur beda jiehu l-beneficju socjali tal-mard, li fil-prezent huwa fl-ammont ta' €53.52 fil-gimgha jew €214.08 fix-xahar. Huwa qed jibbenefika wkoll mill-ghajnuna socjali kif ser jigi spjegat.

Meta l-attur issepara minn mal-konvenuta, huwa kien ghamel numru ta' snin jghix ma' mara ohra. Sussegwentement dahal f' relazzjoni ohra mas-siehba li ghandu fil-prezent u li ghandha zewgt-it tfal miz-zwieg taghha, u tarbija mill-attur, li ghadha minorenni. F' dawn ic-cirkostanzi, l-attur u din is-siehba tieghu applikaw ghall-ghajnuna socjali bhala familja ta' zewg adulti bi tlett-it tfal, u konsegwentement bdew jiehdu s-somma ta' €56.98 fil-gimgha, jew €227.92 fix-xahar, oltre c-children's allowance.

Illi minn naha taghha l-konvenuta tiehu ghajnuna socjali fl-ammont ta' €461 fix-xahar, u €83 fix-xahar beneficju tal-

[2] Fol.77 *et seq.*

mard – b' kollox €544. Inoltre tiehu c-children's allowance ta' zewgt-itfal, f' ammont ta' bejn €500 u €600 kull tlett xhur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li, f' kazijiet bhal dawn in dizamina, il-gurisprudenza ricenti stabbiliet li l-principju *nemo impossibilia tenetur* ghandu jipprevali fuq il-principju *pacta sunt servanda* that certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala ta' natura **gravi**, **eccezzjonali** jew **indipendenti mill-volonta' ta' l-attur** li gabuh *fl-impossibilita'* li jhallas r-retta almientari - allura f' kazijiet simili jkun hemm lok ghal varjazzjoni. "Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti din il-linja flessibbli fil-kazi proprizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel." [3] Izda jehtieg li c-cirkostanzi godda, mhux biss ikunu kkagunaw l-impossibilita' fis-sens **reali** u **estrem** tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox **inevitabbli**, u ma gewx provokati b' xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f' sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunta. [4]

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta manifest li, wara certu zmien mill-iffirmat tal-kuntratt tas-separazzjoni, sehh tibdil drastiku fil-pozizzjoni finanzjarja ta' l-attur li ghamilha mpossibbli ghalih li jkompli jonera l-obbligu tieghu tal-manteniment fit-termini ta' l-istess kuntratt; u jirrizulta wkoll li dan it-tibdil ma giex provokat minnu, izda kien rizultat ta' marda li hakmitu tul is-snin.

Jirrizulta li din l-impossibilita' li sab ruhu fiha l-attur: hija wahda **reali u gravi** peress li l-introjtu tieghu naqas drastikament b' mod li ma jippermettilux jkopri l-ammont ta' manteniment kuntrattat; hija wahda **inevitabbli**, peress li l-kagun ta' dan it-tnqqis huwa dovut ghal marda li hakmet lill-attur maz-zmien, u li ma gietx provokata minnu.

---

[3] App. Alfred C vs Pauline C [16.04.2004]

[4] Vide wkoll - App. M.Vella vs M. Vella [11.01.1996]

Jigi osservat in propozitu, li, ghalkemm il-konsulent psikjatra jghid li l-attur jista' jaghmel xi tip ta' xoghol meta jkun tajjeb, izda l-istess psikjatra jikkonferma li minhabba l-paranoia li jbati minnha l-attur, mhux probabli li dan ikollu mpieg ghal certu zmien. Ghalhekk, fil-fehema tal-Qorti, din hi possibilita' izda mhix probabbilita', u certament ma tirrendix lill-istess attur fil-possibilita' li jhallas mensilment l-ammont indikat fil-kuntratt.

Jirrizulta pero' li l-kundizzjoni ta' l-attur tista' titjieb b' mod li fil-futur ikun tajjeb li jahdem, u ghalhekk dak li ser jigi decizi f' dan il-gudizzju huwa *rebus sic stantibus.*

*Manteniment - ulied*

Illi rigward il-manteniment ghall-ulied minuri tal-partijiet, il-Qorti tosserva li, huwa assodat fil-gurisprudenza, li dan l-obbligu, li jirrisjedi fuq kull genitur, huwa wiehed assolut, u ghandu jigi amministrat anke jekk il-genitur koncernat ikun dizokkupat. Naturalment, il-quantum ta' dan il-manteniment ghandu jiddependi fuq l-introjtu taz-zewg genituri, anke jekk dan ikun jikkonsisti biss f' beneficju socjali.

Ghalhekk f' dan il-kaz il-Qorti tikkunsidra li talba ta' l-attur ghat-twaqqif tal-manteniment ghall-konvenuta ghandha tintlaqa', filwaqt li dik il-parti li titlob riduzzjoni tal-manteniment ghandha tintlaqa' limitatament ghat-<u>tlett</u> ulied tal-partijiet sakemm dawn jibqghu minorenni; u li l-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta f' dan ir-rigward qed jigi fissat fl-ammont komplessiv ta' €105 u cioe €35 fix-xahar ghal <u>kull</u> wild minuri, u l-attur qed jigi ordnat ukoll li, malli l-ewwel wild issir maggjorenni, is-sehem taghha jibqa' jakkrexxi fuq l-ohrajn, u l-istess meta t-tieni wild jsir maggjorenni, b' mod li l-imsemmi ammont ta' €105 fix-xahar jibqa' jithallas lill-konvenuta sakemm l-ahhar wild tal-partijiet isir maggjorenni. Dan l-ammont ghandhu jinqata' direttament mill-beneficju socjali mhallas lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurata' Socjali u jintbaghat lill-konvenuta.

Illi rigward l-allegazzjoni li t-tifla K qed tahdem bi qligh, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi f' dan ir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi, *rebus sic stantibus*, billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, limitatament ghall-manteniment dovut lill-konvenuta;

[2] tilqa' t-tieni talba, fis-sens li, b' effett mill-11 ta' Novembru 2008, twaqqaf il-manteniment dovut lill-konvenuta u tehles lill-attur minn dan l-obbligu tieghu kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni; u tilqa' l-kumplament tat-talba fir-rigward tal-manteniment dovut ghat-tlett ulied minuri fit-termini ta' dak fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *'Manteniment - ulied'*, u tirriduci dan l-ammont ghas-somma mensili ta' €105 fix-xahar deducibbli direttament mill-beneficju socjali mhallas lill-attur u mibghut direttament lill-konvenuta;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, stante li ma tidhirx li hija mehtiega.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenuta, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] ghandu jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------